MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1248/2004

**Alexandra Palace Ltd**

**vs**

**Hix Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltin (LM182.00) rapprezentanti prezz ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici fuq ordni tas-socjeta konvenuta (Dok A hija invoice u Dok B hija konferma ta' Booking)..

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, ghalhekk in-nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lisocjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attirici s-somma ta’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm182.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------